MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 870/2005

Maltacom p.l.c.
vs
Frank Debono

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li biha esponiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 617/98GV) kienet giet deciza mill-Qorti fl-20 ta’ April, 1998, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lill-Maltacom p.l.c. s-somma ta’ Lm1188.01 (elf, mija tmienja u tmenin liri Maltin u wiehed centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 375439 li kien installat fil-fond numru 17, Triq il-Qrempuc, San Gwann blimghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut kien ghamel xi pagamenti, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, kien ta’

Lm1073.29 (elf, tlieta u sebghin liri maltin u disgha u ghoxrin centezmu) oltre Lm195.82 (mija hamsa u disghin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa annessa mar-rikors u mmarkata Dokument “A” kif ukoll Lm622.51 (sitt mija tnejn u ghoxrin liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu) imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` Maltacom p.l.c. huwa ta’ Lm1891.62 (elf, tmien mija wiehed u disghin liri Maltin u tnejn u sittin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti kellha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt illi ghamlet referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Semghet bil-gurament lil Dr. Ingrid Zammit Young li kkonfermat li ma gie mhallas ebda ammont mill-intimat mill-gurnata tal-prezentata tar-rikors ‘il hawn.

Rat illi l-intimat debitament notifikat mghajjat tliet darbiet ma deherx ghas-seduta tal-lum, u anqas ipprezenta risposta.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------